MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 35/2007

**AIC Joseph Barbara (I.D. 502713M), Josephine (I.D. Nru. 179376M) mart Raymond Azzopardi (I.D. 557656M) proprio kif ukoll bhala prokuratur tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia (I.D. Nru. 198063M) mart David Anastasi, u Greta (I.D. Nru. 331365M) mart Anthony Bartolo Parnis u b`digriet tat-2 ta` Gunju 2009 l-atti kollha f`isem AIC Joseph Barbara gew trasfuzi f`isem Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis**

***kontra***

**Carmelo Borg u Yvonne Ruth Borg ghal kwalunkwe interess li jisa` jkollha**

**Il-Qorti :**

## A. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>11 ta` Jannar 2007</u> li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-appartament numru 47, Block D, St. Julian`s Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan.*

*2. Illi l-intimati qeghdin jokkupaw l-fond surreferit illegalment u abbusivament stante l-gheluq tac-cens temporanju fl-14 ta` Gunju 2002 (skond il-kuntratt ta` cens hawn anness u mmarkat Dok "A") u l-konsegwenti reversjoni tal-propjeta` f`idejn id-direttarji, ir-rikorrenti.*

*3. Illi dan gie wkoll konfermat permezz tas-sentenzi fl-ismijiet "Nutar Dottor Herbert Cassar et vs Alice Turner" (deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta` Gunju 2004 hawn annessa u mmarkata Dok "B") u "AIC Joseph Barbara et vs Avukat Generali u Anthony Cachia" (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Mejju 2006 hawn annessa u mmarkata Dok "C").*

*4. Illi l-intimati m`ghandhom ebda eccezzjoni x`jaghtu ghat-talbiet attrici.*

*5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta) sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dipensa tas-smigh.*

*Ighidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune u ghar-ragunijiet premessi,*

*ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dipensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta) u:*

*1. Tordna lill-intimat jizgombraw mill-apparatment numru 47, Block D, St. Julian`s Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan, fi zmien qasir u perentorju li jigi wkoll prefiss minn din l-Onorabbli Qorti skopnd il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta` Ottubru 2007 fejn tat lill-konvenuti zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-12 ta` Ottubru 2007 li taqra hekk –

*1. Fl-ewwel lok jeccepixxu li ghandhom japplika l-Artikolu 12A tal-Kap.158 liema artikolu jkopri l-posizzjoni legali taghhom, u dan minghajr pregudizzju ta` kull dritt iehor pozjuri fuq l-istess propjeta`. Illi l-konvenuta li mhix cittadina Maltija ghandha dritt kostituzzjonali li johrog miz-zwieg li tghix ma` zewgha f`Malta.*

*2. Dwar il-fatti l-esponenti jikkonferma illi huwa cittadin Malti. Il-konvenuta bhala martu ghandha 'freedom of movement'. Ilhom ighixu fil-fond in kwestjoni bhala r-residenza ordinarja taghhom sa mill-1988, u wara li l-flat*

*kien ghand l-Airmalta, u sakemm intemm ic-cens temporanju li kien hemm, kienu huma wkoll fil-fond. Din hija r-residenza ordinarja taghhom.*

*3. Ghalhekk ghalihom hija applikabbli l-emenda tal-ligi li dahlet biex ticcara dik li kienet l-intenzjoni originali tal-legislatur fil-materja.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta` Novembru 2007 fejn halliet il-kawza ghall-udjenza ta` wara ghall-provi tal-konvenut dwar it-titolu.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti man-nota mill-konvenuti fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2008 (fol 60 sa fol 81).

Rat id-deposizzjoni ta` Michael Scerri (fol 88 sa fol 89) ta` George Meilaq (fol 90 sa fol 91) u ta` Carmelo Borg (fol 93) li xehdu fl-udjenza tat-22 ta` Frar 2008 u d-dokumenti illi kien esebit waqt dik l-udjenza (fol 87).

Rat id-deposizzjoni ta` Emerenziana Agius (fol 97) u ta` Carmelo Borg (fol 98) fl-udjenza tad-9 ta` April 2008 u d-dokumenti illi kienu esebiti waqt dik l-udjenza (fol 95 u fol 96).

Rat id-deposizzjoni ta` l-konvenuta (fol 111 u fol 112) fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2008, u d-dokumenti illi kienu esebiti waqt dik l-udjenza (fol 105 sa fol 110).

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti mill-konvenuta fl-udjenza tal-21 ta` Jannar 2009 (fol 114 sa fol 124).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Josephine Azzopardi (fol 126 sa fol 128) u d-dokumenti li kienu annessi (fol 129 sa fol 133).

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Gunju 2009 fejn, wara li l-attur AIC Joseph Barbara miet fil-mori tal-kawza, l-atti kienu trasfuzi f`isem uliedu Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-konvenuti permezz ta` nota taghhom tal-15 ta` Ottubru 2009 (fol 144 saa fol 147).

Semghet il-kontroezami ta` Maria Camilleri, Herbert Camilleri u Elvira Schembri fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2009 (fol 159 sa fol 175).

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` April 2010 (fol 204) fejn cahdet it-talba tal-atturi kif dedotta fir-rikors taghhom tat-8 ta` Marzu 2010 ghall-isfilz tal-affidavit ta` Mary Schembri.

Rat il-verbali tas-seduti u l-provi li ngabru mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Natasha Buontempo.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet (fol 523 sa fol 533 u fol 535 sa fol 539).

Rat id-dokument li kien esebit b`nota mill-atturi fis-6 ta` Dicembru 2011.

Rat id-digriet li bis-sahha tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

Din li gejja hija **qabra fil-qosor tal-provi rilevanti** ghall-vertenza bejn il-partijiet –

Permezz ta` kuntratt tal-4 ta` Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona, il-konvenuti kisbu minghand Holiday Services Limited is-subutile dominju temporanju tal-appartament numru 47, Block D, St. Julian`s Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan ("il-fond") ghaz-zmien li kien fadal mill-koncessjoni originali li kienet saret fl-14 ta` Gunju 1957. Il-koncessjoni ghalqet fl-**14 ta` Gunju 2002**.

Il-konvenuti huma mizzewgin. Il-konvenut huwa cittadin Malti. Fl-14 ta` Gunju 2002, il-konvenuta kienet cittadina Olandiza bil-"*freedom of movement*". Saret cittadina Maltija b`effett mit-30 ta` April 2009 (fol 145) ghalkemm irrizulta illi kienet applikat ghac-cittadinanza Maltija fl-2000 (ara fol 146).

Il-konvenuti qeghdin isostnu illi m`ghandhomx jigu zgumbrati mill-fond stante li l-fond kien u baqa` r-residenza ordinarja taghhom, ghalkemm huwa minnu illi ghal bosta zmien matul is-snin kienu jivvjaggjaw ta` spiss u jkunu barra minn Malta ghal ragunijiet ta` xoghol billi t-tnejn huma nvoluti fin-negozju tad-djamanti.

Lill-konvenuti kienet tinkombi l-prova illi l-fond huwa r-residenza ordinarja taghhom. Il-karta tal-identita`, il-kartanzjan, il-licenzja tas-sewqan u l-pensjoni tal-konvenuti juru dak l-indirizz. L-istess ir-registru elettorali sa mill-1987. U ghall-finijiet ta` taxxa.

Diversi kienu l-okkupanti ta` flats ohra fil-block illi xehdu fil-kawza fuq talba tal-konvenuti : Maria Camilleri, zewgha Herbert Camilleri, Elvira Schembri, Rosette Abela, Neville Abela, Emily Zammit, Philip Grima, Jackie Grima, Anthony Cachia, Allison Kelly, Mary Schembri. Ftit jew wisq ilkoll xehdu l-konvenuti joqghodu fil-fond ghalkemm gejjin u sejrin barra. Mir-residenti tal-block, l-atturi ressqu biss lil Isabel Fenech li stqarret illi l-konvenuti gieli jghaddu x-xhur u ma jersaqu lejn il-fond. It-twieqi u l-galleriji tal-fond huwa msaddin.

L-accountant Michael Xerri xehed illi l-konvenut huwa espert fil-metalli prezzjuzi ; jahdem kemm barra u Malta. Imur spiss l-Afrika. Ikun pero` hafna l-Belgju u Olanda; u f`hafna pajjizi tal-Afrika. Ikun hafna l-Belgju l-aktar Antwerp u l-Olanda. Il-konvenut jithallas il-pensjoni go Malta.

A fol 95 kienu esebiti dokumenti dwar kumpannija bl-ufficcju registrat taghha fil-Belgju bl-isem Mineral Trading BVBA li fih kienet involuta l-konvenuta.

Fix-xhieda taghha, anke l-konvenuta tikkonferma li r-residenza ordinarja taghha kienet u baqghet Malta ghalkemm l-attivita` taghha fin-negozju tal-gojjelli kien johodha spiss barra. Tghid li tqatta` minn sitta sa tmien xhur fis-sena go Malta. A fol 106 kien esebit dokument li juri illi fis-6 ta` April 1978, il-konvenuta ma baqghetx registrata fir-registru tar-residenti tal-Municipalita` ta` Amsterdam ghax marret toqghod Malta. Bil-preciz id-

dokument li kien mahrug fil-21 ta` Ottubru 1978 ighid hekk –

*On 6th April 1978, the person in question* (il-konvenuta) *was unregistered from the residents registration register of the Municipality of Amsterdam due to her moving to Malta and has since then not been registered in any of the residents` registration offices in the Netherlands.*

Annabelle Camilleri mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma xehdet illi ghar-rigward tal-fond de quo ma hemmx kontijiet pendenti. Mitluba tghid jekk il-qari tal-meters tad-dawl u ilma kienux baxxi jew normali, ix-xhud wiegbet li dak li huwa normali ghal persuna mhux bilfors ikun l-istess ghal persuna ohra. Bhala fatt oggettiv kien hemm pero` diskrepanzi fil-konsum f`xi perijodi matul l-2009. Qalet li ma kienx registrat konsum minn Novembru tal-2000 sa Marzu tal-2001.

Kienu esebiti diversi atti gudizzjarji kemm direttament relatati mal-kawza tal-lum u ohrajn li jaghmlu parti minn zewg kawzi li kienu istitwiti fil-Bord tal-Kera : wahda kontra kumpannija li fiha l-konvenuti jew min minnhom kellhom sehem u ohra kontra l-konvenut dwar propjeta` fil-Belt li ma ghandha x’taqsam xejn mal-fond. Ir-rilevanza tal-atti ta` dawn il-kawzi ghall-fini tal-kawza tal-lum hija fl-ewwel kif saret in-notifika tal-atti lill-konvenuti jew min minnhom fl-indirizz tal-fond de quo u fit-tieni lok dwar dikjarazzjonijiet li saru mid-difensur tal-konvenuti (ta` dak iz-zmien) allegatament ghan-nom taghhom.

Mill-atturi, kienet esebita l-ittra Dok X4 li turi li d-delivery ma kenitx saret ghaliex kienet *unclaimed.* Hekk ukoll ikkonferma in kontroezami l-attrici Josephine Azzopardi.

Mill-atti tal-kawzi fil-Bord, jirrizulta li fl-indirizz tal-fond de quo ghall-fini ta` notifika ta` atti kien hemm referta *unclaimed* fil-15 ta` Marzu 2001 u referta *ma fetah hadd* fid-9 ta` April 2001. Fir-risposta li dahlet qabel l-udjenza tal-20 ta` Gunju 2001, inghad illi *l-procedura tal-affissjoni (fol 239) saret mal-appartament ta` Carmelo Borg proprio filwaqt li bhalissa huwa qed ighix fis-South Africa fejn qed jahdem fl-industrija tad-djamati waqt li martu li hija Belgjana qed tabita Antwerp.* Kien hemm referta ohra *unclaimed* fl-4 ta` Frar 2002. Jirrizulta verbal tal-Av. Tonio Azzopardi a fol 326 illi *l-patrocinat tieghu jghix il-Belgium fejn ghandu l-familja u r-residenza u allura mhux facli ghalih jivvjagga.* F`rikors iehor iffirmat mill-istess avukat jinghad illi l-konvenuti *jirrisjedu l-Belgju.* Fit-28 ta` Marzu 2002, il-konvenuta ghamlet rapport personalment lill-pulzija. Fis-27 ta` Gunju 2007, saret il-hatra ta` kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut (fol 385). Hatra ta` kuraturi ohra saret fit-22 ta` April 2010.

Mill-atturi, l-unika illi xehdet kienet Josephine Azzopardi. Mill-affidavit taghha, huwa evidenti illi <u>de proprio</u> dwar l-okkupazzjoni tal-konvenuti fil-fond ma setghet tixhed xejn.

Il-konvenuta xehdet illi hija ma tabitax il-Belgju ghax ir-residenza taghha hija Malta ghalkemm ghamel zmien gejja u sejra l-Belgju ghal xoghol. Il-familja taghha tghix l-Olanda. Dwar il-konsum tad-dawl u l-ilma, xehdet li min-naha taghha u ta` zewgha dan huwa minimu.

Kienu esebiti <u>bil-gurament</u> mill-konvenuta elenku tad-drabi kollha li kienu msefrin hi u zewgha fuq xoghol in relazzjoni mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

L-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (**Kap.158** tal-Ligijiet ta` Malta) kienet emendata bl-Att XVIII tal-2007 sabiex kien introdott l-**Art.12A**. Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` subartikoli. Dawk rilevanti ghall-istanza tal-lum huma dawn –

*(1) Dan l-artikolu għandu japplika :*

*(a) fl-għeluq ta' enfitewsi jew sub-enfitewsi temporanja (aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħin "l-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti") li ma tkunx waħda li l-effetti tat-tmiem tagħha jkunu regolati bl-artikolu 12(2)(a) jew (b) jew bl-artikolu 12(4) jew 12(5) ;*
*(b) ta' dar ta' abitazzjoni illi fit-tmiem tal-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti :*

*(i) tkun okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu ; u*

*(ii) tkun soġġetta għal xi enfitewsi jew sub-enfitewsi oħra (aktar 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħin "l-enfitewsi jew sub-enfitewsi preċedenti"), kemm jekk perpetwa u kemm jekk temporanja.*

*(2) Fit-tmiem tal-enfitewsi l-aktar reċenti l-enfitewta jew subenfitewta li jkun jissodisfa r-rekwiżiti tas-subartikolu (1)(b)(i) jkollu l-jedd li jibqa' jokkupa d-dar ta' abitazzjoni taħt kirja mingħand il-persuna li tkun id-detentur tal-enfitewsi jew subenfitewsi preċedenti bl-istess kera u taħt l-istess kondizzjonijiet applikabbli skont l-artikolu 12(2)(i), (ia) u (ii) li għandhom japplikaw mutatis mutandis.*
*…*

*(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll fil-każijiet kollha fejn għad illi l-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-aktar reċenti tkun għalqet qabel l-1 ta' Lulju 2007 il-persuna li kienet l-enfitewta jew is-sub-enfitewta fl-enfitewsi jew subenfitewsi l-aktar reċenti tkun għadha*

*tokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tagħha f'dik id-data …*

L-atturi jaghmlu riferenza ghal decizjonijiet ta` qrati ohra fejn kienu nvoluti huma (jew l-awtur taghhom) u haddiehor (**mhux il-konvenuti**) dwar appartamenti ohra fil-block fejn jinsab il-fond de quo, u dan jaghmluh biex isostnu t-tesi taghhom.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**John Bugeja vs Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja noe et**", fejn inghad hekk –

*15. Safejn l-attur u l-Avukat Ġenerali qegħdin jilmentaw għax l-ewwel qorti qalet illi s-sentenzi li qalu li dispożizzjoni tal-liġi tikser dritt fondamentali jagħmlu dik id-dispożizzjoni nulla erga omnes, dan l-aggravju huwa ġustifikat. Tassew illi dawk is-sentenzi għandhom l-auctoritas rerum similiter iudicatarum, iżda għalihom ukoll igħodd dak li jgħid l-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza". Meta l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jgħid illi jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett, u meta l-art. 3 (2) tal-Kap. 319 jgħid illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropeja, ukoll tkun bla effett, dan ifisser illi dik il-liġi inkonsistenti għandha tkun bla effett għall-għanijiet tal-kawża li fiha dik l-inkonsistenza tkun dikjarata iżda tibqa' fis-seħħ għal għanijiet oħra sakemm ma tiġix imħassra b'liġi oħra jew taħt l-art. 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*16. Għalhekk, safejn is-sentenza appellata qalet illi l-art.12 (4), (5) u (6) tal-Kap.158 huwa awtomatikament*

*null għall-għanijiet tal-kawża tal-lum għax ġie dikjarat null f'sentenzi mogħtija f'kawżi oħra, is-sentenza appellata hija ħażina.*

Din id-direzzjoni gurisprudenzjali tghodd *mutatis mutandis* ghall-argumenti li ressqu l-atturi.

**Minn analizi taz-zewg noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet, jittraspari kjarament illi l-vertenza ta` bejniethom hija <u>fl-ewwel lok</u> jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja ta` l-konvenuti. Din il-Qorti tmur oltre u tghid illi l-*punctum temporis* li abbazi tieghu jrid ikun stabbilit jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja tal-konvenuti huwa l-<u>14 ta` Gunju 2002</u>. X`setghu ghamlu l-konvenuti bil-fond <u>wara</u> dik id-data jista` jkun siewi ghal istanza gudizzjarja <u>ohra</u>, pero` mhux ghal din tal-lum, ghaliex fil-parametri tal-azzjoni tal-lum (u tad-difiza ghal dik l-azzjoni) x`gara wara l-14 ta` Gunju 2002 mhuwiex rilevanti. Fit-<u>tieni lok</u>, il-vertenza hija wkoll dwar hemmx lok ghall-izgumbrament tal-konvenuta (del resto l-atturi talbu zgumbrament) ghaliex il-konvenuta ma kenitx cittadina ta` Malta fl-14 ta` Gunju 2002. Fil-verita` l-ewwel aspett tal-vertenza huwa dak krucjali.**

L-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa vitali. (**<u>Kollez. Vol. L.II.225</u>**). Il-qies u l-mizura tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza, u cioe` illi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fi-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"<u>Borg vs Bartolo</u>"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Aktar tard fiz-zmien, u cioe` fil-11 ta` Frar 2004, l-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza "**<u>Mercieca et vs Saliba</u>**" qalet hekk – "*Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa tal-istess provi*

*jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn hijiex possibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti*." Huwa **wkoll** pacifiku u manifest illi l-grad ta' prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

***Residenza ordinarja* mhijiex definita ghall-fini tal-Kap.158**. **Ir-residenza hija stat ta` fatt** li trid tirrizulta mill-provi tal-kaz (**"Agius vs Copperstone et"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 25 ta` Mejju 1966). L-oneru tal-prova tar-residenza ***ordinarja*** fil-fond de quo tispetta lill-konvenuti.

Sabiex jigi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma relevanti dawk ic-cirkostanzi kollha illi jistghu jindikaw jekk il-persuna koncernata kenitx qeghda taghmel uzu mill-fond ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b`residenza *ordinarja*. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni, il-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta` min jippretendi li ghandu residenza, il-fatt illi f`din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma '*residenza*', l-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircevi l-korrispondenza u anke fejn jircevi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti. Biex tkun residenza "*ordinarja*", ir-residenza ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` jew pjacir, jew li tkun motivata mill-htiega ta` kambjament ta` ambjent, li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza

tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita`. Ir-residenza ordinarja trid tirrizulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba taghha ma hemm xejn awtomatiku.

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Frar 1971 fil-kawza "**Coppini noe vs Vella Bonnici noe**" il-Qorti tal-Appell osservat li b`*residenza ordinarja* wiehed ghandu jfisser post b` certu grad ta` kontinwita`, apparti assenzi accidentali jew temporanji. **Id-durata mhux kriterju esklussiv u necessarjament determinanti**. Hu pero` kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu. Residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalita` ("**Agius vs Agius**", Qorti tal-Appell Inferjuri - 2 ta' Dicembru, 1994).

Ir-residenza ordinarja trid tirrizulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba taghha ma hemm xejn awtomatiku. Ghalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li *prima facie* jattestaw konnessjoni taghha mal-fond **wahedhom** ma jistghux jitqiesu bhala prova nkonfutabbli ta` residenza. Per ezempju, l-inkluzjoni fir-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista` tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva ("**Calleja et vs Ellul**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Novembru 1996).

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, l-assjem tal-provi jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi wara illi kisbu s-subcens temporanju tal-fond, il-konvenuti baqghu jqisu anke bil-fatti dak il-fond bhala r-residenza **ordinarja** taghhom (enfasi ta` din il-qorti fuq il-kelma "ordinarja" anke fid-dawl tal-gurisprudenza citata). Huwa manifest illi ghal perijodi anke twal matul is-snin, il-konvenuti kienu jirrisjedu barra ghal ragunijiet esklussivi ta` xoghol. Fl-istess waqt din il-Qorti m`ghandha l-ebda prova konklussiva illi l-konvenuti qaghdu barra sabiex fattwalment jaghmlu r-residenza taghhom barra minn Malta r-residenza ordinarja taghhom. Baqghu jorbtu matul is-snin kollox ma` Malta – xejn eskluz.

Lura Malta mix-xoghol taghhom barra, din il-qorti ghandha s-serenita` ta` l-prova illi l-konvenuti fittxu kenn biss u esklussivament fil-fond de quo mhux band`ohra. Kontra l-prova tar-residenza ordinarja tal-konvenuti, l-atturi ressqu provi fjakki ghall-ahhar u ttentaw jistriehu fuq l-irqaqat. Sahansitra fittxew fl-atti ta` kawzi fil-Bord tal-Kera fejn il-konvenuti jew min minnhom kienu nvoluti direttament jew indirettament. Dwar il-provi ta` dawk l-atti li setghu kienu rilevanti ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tara *prima facie* diskordanza bejn dak illi xehdet il-konvenuta u dikjarazzjonijiet tal-Av. Tonio Azzopardi (l-avukat precedenti tal-konvenuti) quddiem il-Bord specjalment fil-kawza *Goldkraft Limited vs Club Limited.* Il-konvenuta tat il-verzjoni taghha tal-fatti. Xejn ma kien izomm lill-atturi milli jipproducu lill-Av. Tonio Azzopardi bhala xhud taghhom dwar dawk l-atti. L-atturi ma ghazlux dik it-triq u qaghdu fuq dawk l-atti *bhala tali* nonostante l-kontestazzjoni netta tal-konvenuti u nonostante illi l-konvenuti kkontestaw il-kondotta tal-avukat taghhom ta` dakinhar. L-atti huma prova daqs kull prova ohra izda m`humiex prova aqwa minn kull prova ohra. Din il-Qorti tqis biss illi minn imkien ma rrizulta illi l-konvenuta kienet Belgjana b`familjari taghha jghixu l-Belgju. Kwazi kwazi jidhol dubju serju jekk l-avukat li kellhom il-konvenuti kienx jaf tassew u bir-reqqa dovuta lill-klijenti tieghu. Irrizulta nfatti illi l-konvenuta kienet Olandiza, kellha xoghol li johodha spiss il-Belgju, u l-familjari taghha kienu Olandizi, ighixu l-Olanda. Lanqas ir-referti negattivi fl-atti tal-Bord ma huma prova konklussiva ghaliex *se mai* jsostnu l-argument kollu tal-konvenuti illi spiss kienu jkunu barra minn Malta ghal ragunijiet ta` xoghol. Ir-residenti tal-blokk ma tawx konfort lill-atturi. Il-provi ta` kwalsiasi atti <u>pubblici jew ufficjali</u> relatati mal-konvenuti jmorru konsistentement matul is-snin a favur tal-konvenuti. Mankanti kienet u baqghet il-prova ta` l-istat intern (*mhux daqstant estern*) tal-fond ghall-fini tal-prova tal-abitazzjoni. Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, inkluzi d-dokumenti, din il-Qorti ghandha l-prova nkonfutabbli tar-residenza ordinarja tal-konvenuti gol-fond de quo ghall-fini kollha personali u pubblici. Xejn ma jorbothom ma` barra hlief ix-xoghol.

Ghall-bqija, kollox baqa` relatat ma` Malta fuq medda twila ta` snin inkluz u fuq kollox fid-data illi fiha ghalaq ic-cens.

Sodisfatta mill-prova illi l-fond kien ir-residenza ordinarja tal-konvenuti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Art.12A tal-Kap.158, din il-Qorti tkompli dwar it-tieni aspett tal-vertenza illi ladarba l-post huwa r-residenza ordinarja tal-konvenut u l-konvenut huwa cittadin Malti, ma jistax jigi zgumbrat kif qieghed jigi pretiz mill-atturi, ghax ghandu titolu ghall-fond. Ladarba l-konvenut huwa mizzewweg lill-konvenuta, ghadhom ighixu flimkien, u bejniethom hemm il-komunjoni tal-akkwisti, il-fatt illi fl-14 ta` Awissu 2002, ma kenitx cittadina ta` Malta, ghandha kull jedd tghix ma` zewgha l-konvenut fil-fond bla ma tigi zgumbrata.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza hekk –**

**1) Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**2) Tichad it-talba tal-atturi.**

**3) Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------